# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 289/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jordan Azzopardi**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat **Jordan Azzopardi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 405889(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar is-26 ta' Frar 2019 ġewwa l-Ajruport Internazzjonali:

1. mingħajr il-liċenzja jew il-permess tal-Kummissarju importa arma regolari msemmija bi ksur tal-Artikolu 3(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta (Skeda I Taqsima II).

Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena taħt ir-Regolament 49(2) tal-Avviż Legali 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Ottubru 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 3(a), 51(1)(a) u l-ewwel *proviso* ta' Artikolu 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat għall-ħlas ta' multa ta' elf Euro (€1000). L-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti* u ċioè il-ponn tal-ħadid li ġie mmarkat bħala Dok. "JA 2".

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fid-29 ta' Ottubru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "***tirriforma*** *s-sentenza appellata billi filwaqt li:*

1. ***Tikkonferma*** *s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u fejn ordnat il-konfiska tal-corpus delicti ċioè l-ponn tal-ħadid esibit in atti u mmarkat bħala JA2 u*

2. *Tgħaddi sabiex* ***tħassar u tirrevoka*** *dik il-parti tas-sentenza konċernanti l-piena li ngħatat fil-konfront tal-appellat, ossia l-applikazzjoni tal-ewwel proviso tal-Artikolu 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u minflok għar-raġunijiet premessi tgħaddi sabiex tinfliġġi piena li hija fil-parametri tal-liġi, kontemplata mil-liġi, u kif ukoll adegwata għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi fl-istess seduta l-konsulent legali tal-appellat għamel sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali wara li ġiet mogħtija sentenza mill-Ewwel Qorti fl-10 ta' Ottubru 2019. L-appell tal-Avukat Ġenerali huwa dwar il-piena.

Illi l-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi u li għalhekk il-piena nflitta hija differenti minn dik preskritta mil-liġi. Jisħaq li l-appellat importa arma regolari msemmija fi Skeda I Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi ksur ta' Artikolu 3(a) tal-istess Kapitolu. Jargumenta li *ai termini* ta' Artikolu 51(1)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta l-piena applikabbli hija dik ta' priġunerija minn tliet xhur sa għaxar snin. Jagħmel riferenza għall-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-27 ta' Ġunju 2019 fejn hemm imniżżel li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża li f'każ ta' ammissjoni l-piena ma kellhiex tkun waħda karċerarja iżda waħda ta' multa u dana tenut kont tal-ammissjoni bikrija kif ukoll tal-*proviso* ta' Artikolu 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali hu tal-fehma li l-imsemmi *proviso* ma japplikax f'każ ta' ħtija *ai termini* ta' Artikolu 3(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li l-ewwel *proviso* ta' Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta huwa applikabbli meta persuna tinstab ħatja *ai termini* ta' Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux meta persuna tinstab ħatja *ai termini* ta' Artikolu 3(a) tal-istess Kapitolu. Jargumenta li dan il-*proviso* jrid jinqara flimkien ma' Artikolu 51(2) tal-istess Kapitolu. Jgħid li minn qari tat-tieni *proviso* ta' Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta huwa evidenti li dan isegwi l-ewwel *proviso* tal-

istess artikolu minħabba l-użu tal-kelma "wkoll" u dan dejjem b'riferenza għal Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-appellant jisħaq li l-ewwel *proviso* ta' Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għal meta persuna tinstab ħatja *ai termini* ta' Artikolu 3(a) tal-istess Kapitolu. Jgħid li dan il-*proviso* jirreferi għal kundanna li *"jkollha x'taqsam ma' pussess ta' armi regolari jew munizzjon ġewwa xi fond"*. Jgħid li l-appellat ammetta u nstab ħati talli ġewwa l-ajruport importa arma regolari u mhux għax kellu l-pussess ta' arma regolari ġewwa xi fond. Jgħid li l-alternattiva l-oħra hija *"jew il-ksur jitqies bħala wieħed żgħir ħafna mill-Qorti"*. Jgħid li biex ikun ksur żgħir ħafna dan irid ikun dejjem b'riferenza għal Artikolu 5(1) u mhux b'riferenza għal Artikolu 3(a). Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tagħmel konsiderazzjonijiet *ai termini* tal-ewwel *proviso* ta' Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant Avukat Ġenerali jagħlaq l-appell tiegħu billi jgħid li l-Ewwel Qorti nfliġġiet piena li x-xorta u l-kwantita' tagħha hija differenti minn dik preskritta mil-liġi għar-reat li dwaru l-appellat ammetta u jgħid li l-Ewwel Qorti kellha teroga l-piena kif kontemplata minn Artikolu 51(1)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, kemm dawk li nstemgħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta u kif ukoll dawk li nstemgħu quddiem din il-Qorti kif preseduta, l-appellat jisħaq li ma jaqbilx ma' dak argumentat mill-Avukat Ġenerali kif hawn fuq imsemmi u jgħid li kien hemm qbil quddiem l-Ewwel Qorti dwar il-piena li kellha tiġi erogata.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-każ l-appellat tressaq quddiem l-Ewwel Qorti peress li nstab li kellu fil-pussess tiegħu *knuckle duster* ossia ponn tal-ħadid. Din il-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali billi tinnota li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjoni li temerġi minn Artikolu 3(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jirriżulta mid-*decide* tas-sentenza appellata. L-Artikolu 3(a) imsemmi jiddisponi li

mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att Dwar l-Armi (Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta):

> "l-akkwist, il-pussess għal-liema għan ikun, iż-żamma jew l-importazzjoni tal-armi regolari u l-munizzjon imsemmija fl-Iskeda I huma projbiti."

Illi taħt l-istess Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kliem "armi regolari" huma deskritti hekk:

> "għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-Artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali u għandha tinkludi arma tan-nar kif imfissra f'dan l-artikolu."

Illi skont Artikolu 64(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor."

Illi Taqsima II ta' Skeda I tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta telenka dawk li huma armi projbiti, fost liema hemm ponnijiet tal-ħadid. Għandu jingħad li dan il-każ jikkonċerna ponn tal-ħadid.

Illi skont Artikolu 51(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "Kull min jikser **l-**Artikolu 3 ikun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati, jeħel:
>
> (a) jekk il-ħtija tkun dwar arma regolari, priġunerija minn tliet xhur sa għaxar snin;
>
> (b) jekk il-ħtija tkun dwar munizzjon, multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)."

Illi Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi xi tfisser il-kelma "munizzjon" għal erba' darbiet f'Artikolu 2 iżda ponn tal-ħadid ma jaqax taħt dawn id-definizzjonijiet.

Illi fid-*decide* tas-sentenza appellata ssir riferenza għal *"l-ewwel proviso t'Artikolu 51 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta."* Filwaqt li din il-Qorti tinnota li kien ikun aħjar kieku ġie speċifikat li kien qed jiġi applikat l-ewwel *proviso* ta' Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ċar li r-riferenza kienet qed issir għal *proviso* ta' dan is-sub-Artikolu msemmi u dana minħabba li hemm disa' sub-Artikoli f'Artikolu 51 u li l-unika wieħed li għandu mhux biss *proviso* wieħed pero' tnejn huwa Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi filwaqt li aktar 'il fuq ġie nnutat li s-sejbien ta' ħtija fl-appellat mill-Ewwel Qorti kien fir-rigward ta' Artikolu 3(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena ta' liema temerġi minn Artikolu 51(1) tal-istess Kapitolu (liema sub-Artikolu ma għandu l-ebda *proviso*), Artikolu 51(2) tal-istess Kapitolu jirreferi għal kull min jikser Artikolu 5(1) tal-istess Kapitolu (u mhux Artikolu 3 bħal dan il-każ).

Illi Artikolu 5(1) ta' Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma jkollu liċenzja taħt dan l-Att."

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellat ammetta u nstab ħati ta' Artikolu 3(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ta' Artikolu 5(1) tal-istess Kapitolu u għalhekk il-piena li tgħodd hija dik li tidher f'Artikolu 51(1)(a) tal-istess Kapitolu u mhux dik li tidher taħt Artikolu 51(2) tal-istess Kapitolu għaliex il-piena taħt Artikolu 51(2) mhijiex applikabbli għall-ksur ta' Artikolu 3(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ċar li ż-żewġ *provisos* ta'

Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta japplikaw fir-rigward ta' Artikolu 5(1) u mhux fir-rigward ta' Artikolu 3.

Illi b'hekk isegwi li l-piena applikabbli għal ksur taħt Artikolu 3 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jirrigwarda arma regolari hija waħda ta' priġunerija u mhux dik ta' multa.

Illi filwaqt li huwa minnu li fis-sentenza appellata (*a fol.* 20 *et seq.*) hemm imniżżel li l-Prosekuzzjoni u d-difiża ssottomettew illi, f'każ ta' ammissjoni mill-appellat allura imputat, il-piena ma kellhiex tkun waħda ta' priġunerija pero' fl-istess waqt dan ma kienx ifisser li ma kellhiex tiġi osservata l-liġi.

Illi b'hekk isegwi li l-aggravju tal-Avukat Ġenerali qed ikun milqugħ u għaldaqstant din il-Qorti ser tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Għandu jingħad li skont Artikolu 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-*Probation* u tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx għal ebda reat kontra xi dispożizzjoni tal-istess Kapitolu 480.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti ossia* l-ponn tal-ħadid;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellat ġie kkundannat iħallas multa ta' elf Euro (€1000) u minflok tikkundanna lill-appellat għall-perijodu ta' tliet (3) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**